IR-RABAT

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TAL-BAĦRIJA**
**IT-TIENI LEĠIŻLATURA**
**MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU B 15**

* **Il-Kumitat iltaqa` nhar** Data u ħin
**It-Tlieta 6 ta' Ottubru 2015 fil-5.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat**

** **Preżenti għal-Laqgħa:** Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur George Attard | Membru |
| Is-Sra Marthese Cortis | Membru |
| Is-Sur Anglu Portelli | Membru |
| Is-Sna Orietta Masini Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Paul Grech | Ċerpersin |
| Is-Sur Paul Galea | Viċi-Ċerpersin |

**Peress illi ċ-Ċerpersin u l-Viċi Ċerpersin kienu skużati, ippresieda din il-laqgħa s-Sur George Attard, li huwa l-aktar membru anzjan.**

**1.00 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru B14**

1.01 Il-minuti tas-seduta nru B14 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mill-Membru George Attard u s-Segretarju Eżekuttiv. *Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti B14*

**2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti B14** *Punti li joħorġu mill-Minuti B14*

2.01 5.02 Is-Sur Anġlu Portelli informa l-laqgħa li l-qtugħ ta' ħaxix f'diversi toroq fil-Baħrija kien għadu ma sarx. Għaldaqstant is-Sur George Attard ippropona sabiex tinħareġ *default notice* lill-kuntrattur. Issekondat din il-proposta s-Sra Marthese Cortis. Il-Kumitat qabel unanimament. *Qtugħ ta' ħaxix*



KUNSILL LOKALI IR-RABAT
8, Triq l-Isptar, ir-Rabat RBT 1043, Malta. Tel: +356 21455000 / 21451510
Fax: +356 21451945 email: rabat.malta.lc@gov.mt www.rabatlocalcouncil.com

## 3.00 Diskussjoni dwar il-finanzi

3.01 L-*accountant* tal-Kunsill ta spjegazzjoni tal-*Management Accounts* għall-ewwel sitt xhur tas-sena, liema *Management Accounts* jinsabu annessi ma' dawn il-minuti. Diskussjoni dwar il-finanzi

## 4.00 Komunikazzjoni mill-Membri

4.01 Is-Sur George Attard qal li għal dawn l-aħħar sentejn kien ilu jilmenta dwar *wire* tad-dawl imdendel fi Triq il-Lewż k/m Triq il-Kappella l-Qadima. Huwa saħaq li għalkemm il-KA għamel diversi rapporti lill-Korporazzjoni Enemalta, dan il-*wire* għadu mdendel. Huwa ppropona li l-KA għandu jinforma bil-miktub lill-Prim Ministru dwar dan il-każ. Issekondat din il-proposta s-Sra Marthese Cortis. Il-Kumitat qabel unanimament. *Wire* tad-dawl imdendel fi Triq il-Lewż k/m Triq il-Kappella l-Qadima

4.02 Is-Sur George Attard talab li tiġi rranġata l-bankina li hemm fi Triq il-Lewż quddiem residenza nru1. Huwa qal li konsegwenza tal-ħaxix li tiela' minn ġol-bankina, l-konkos inqasam kollu. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li kienet ser tibgħat lill-*handyman* sabiex jara x'hemm bżonn isir. Bankina mkissra fi Triq il-Lewż

4.03 Is-Sra Marthese Cortis qalet li kien intrema' ammont sostanzjali ta' skart f'sit fiż-żona tal-Kunċizzjoni u talbet li dan jinġabar mill-aktar fis possibbli. Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li s-sit fejn intrema' l-imsemmi skart hija art privata u għaldaqstant ma jistax isir użu mill-fondi pubbliċi sabiex jitnaddaf dan is-sit. Rimi ta' skart fiż-żona tal-Kunċizzjoni

4.04 Is-Sur Anġlu Portelli ppropona li ssir talba lil 'Transport Malta' sabiex it-triq prinċipali tal-Baħrija tiġi asfaltata mill-aktar fis possibbli peress li issa riesqa l-Festa ta' San Martin. Issekondat din il-proposta s-Sra Marthese Cortis. Il-Kumitat qabel unanimament. Asfalt fit-triq prinċipali tal-Baħrija

## 5.00 Korrispondenza

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-KA kien irċieva talba mingħand Fr.Ray Francalanza sabiex bħal kull sena l-KA jipprovdi l-*mobile toilets* għall-jiem tal-Festa ta' San Martin. Is-Sur George Attard ippropona li t-talba tiġi milqugħa. Issekondat din il-proposta s-Sra Marthese Cortis. Il-Kumitat qabel unanimament. Talba għall-*mobile toilets* għall-Festa ta' San Martin

## 6.00 Materji Oħra

6.01 Wara diskussjoni li saret dwar l-permessi tal-gabbani għall-Festa ta' San Martin, ġie deċiż li ma jinħarġux permessi ġodda għall-gabbani għajr dawk eżistenti. Kull permess maħrug irid jinġabar minn sid il-gabbana u li din is-sena issir rassenja tal-gabbani armati. Ġie deċiż ukoll sabiex din is-sena ma jinħarġux permessi lill-kumpaniji sabiex jagħmlu promozzjoni waqt il-fiera. Permessi Festa San Martin

6.02 Saret diskussjoni dwar is-servizz tal-knis u l-ġbir tal-iskart l-għada tal-festa u ġie Servizz tal-knis u

deċiż li dan għandu jsir it-Tnejn kmieni filgħodu. ġbir tal-iskart l-għada tal-festa

6.03 B'referenza għall-ilment dwar rimi ta' skart fiż-żona ta' wara l-knisja tal-Kunċizzjoni, ġie deċiż li qabel jinġabar jiġi vverifikat jekk dan l-iskart hux qiegħed mormi fuq art privata. Rimi ta' skart wara l-knisja tal-Kunċizzjoni

**7.00 Data tas-seduta li jmiss**

7.01 Il-Kumitat qabel li l-laqgħa li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 10 ta' Novembru 2015 fil-5.00 ta' filgħaxija. Data tas-seduta li jmiss

7.02 Il-laqgħa ntemmet fis-6.40 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta 15 ta' Diċembru 2015

**Paul Grech**
**Ċerpersin**

**Orietta Masini Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**